

L-Erbgħa, 11 ta' Marzu 2009

wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ u b'mod partikulari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea ħolqot Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (il-"Fond") sabiex turi solidarjetà mal-popolazzjoni ta' reġjuni milquta minn diżastri.
- (2) Il-Ftehma Interstituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 tippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-ammont annwali massimu ta' EUR 1 biljun.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 fih id-dispozzjonijiet li jippermettu l-mobilizzazzjoni tal-Fond.
- (4) Ir-Rumanija ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-Fond, fir-rigward ta' diżastru kkawżat minn għargħar. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-applikazzjoni tilħaq il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolamenti (KE) Nru 2012/2002, u għaldaqstant tippromovi li tawtorizza l-appropjazzjonijiet korrispondenti.

IDDEĊIDEW DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 11 785 377 f'appropjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Strasburgu, 11 ta' Marzu 2009

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

⁽¹⁾ ĠU L 311, 14.11.2002, p.3.

Abbozz ta' Baġit ta' emenda Nru 1/2009: għargħar fir-Rumanija

P6_TA(2009)0104

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2009 dwar Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 1/2009 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009, Taqsima III - Kummissjoni (6952/2009 – C6-0075/2009 – 2009/2008(BUD))

(2010/C 87 E/52)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 272 tat-Trattat KE u l-Artikolu 177 tat-Trattat Euratom,

L-Erbgħa, 11 ta' Marzu 2009

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009, adottat b'mod definittiv fit-18 ta' Diċembru 2008 ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-immaniġġjar finanzjarju sod ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-abbozz preliminari tal-baġit ta' emenda Nru 1/2009 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009, ippreżentat mill-Kummissjoni fit-23 ta' Jannar 2009 (COM(2009)0022),
 - wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit li jemenda Nru 1/2009, li l-Kunsill stabbilixxa fis-26 ta' Frar 2009 (6952/2009 – C6-0075/2009),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 69 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0113/2009),
- A. billi l-abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 1 għall-baġit ġenerali 2009 jkopri l-punti li ġejjin:
- Il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE għall-ammont ta' EUR 11,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas rigward l-effetti tal-għargħar li laqtu r-Rumanija f'Lulju 2008,
 - Tnaqqis korrispondenti fl-approprijazzjonijiet ta' ħlas ekwivalenti għal EUR 11.8 miljun mil-linja 13 03 16 - il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) - Konverġenza,
- B. billi l-għan tal-abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 1/2009 huwa biex jiddaħħlu dawn l-emendi baġitarji b'mod formali fil-baġit 2009,
1. Jinnota l-abbozz preliminari tal-baġit ta' emenda Nru 1/2009, li huwa t-tielet baġit ta' emenda ddedikat biss għall-Fond ta' Solidarjetà tal-UE, kif mitlub mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill f'dikjarazzjoni konġunta adottata waqt il-laqgħa ta' Konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008;
 2. Japprova l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 1/2009 mingħajr emendi;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 69, 13.3.2009.

⁽³⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.